# Innu lill-Madonna tal-Ġilju (Innu Banda Lily)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: L-Innu l-Kbir, jonkella l-Innu 'l-Madonna tal-Ġilju fil-verżjoni t-twila dis-sena jagħlaq 72 sena mindu ndaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku fl-20 ta' Mejju 1950 waqt programm mużikali lejlet il-festa mill-banda Mqabbija Ġiljana. Għal min iħobb dat-tip t'innijiet bandistiċi tajjeb ikun jaf li fis-sena 2000 l-Innu kien ġie irrekordjat fuq diska kumpatta u ndaqq fuq il-planċier mill-istess banda li għaliha ġie kompost. Għal dil-okkażjoni, dis-sena ddeċidejt li nlaqqagħkom ma' innu ieħor ta' Darmanin li jġib l-istess isem, li mhux għajr l-istess Innu fil-verżjoni l-qasira. Kif se naraw, dal-Innu, oriġinarjament miktub għall-Banda Lily, ġie kompost qabel l-ieħor fil-verżjoni t-twila. Ħajr lil Michael Ghigo talli għal darb'oħra għoġbu jgħaddili fotokopja tal-partitura tal-innu biex stajt ninseġ dal-artiklu.

Kliem muftieħ: Imqabba, Madonna tal-Ġilju, Innu Banda Lily, Innu lill-Madonna tal-Ġilju, Mro Joseph Darmanin, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Mużikali 'Madonna tal-Ġilju' (Imqabba), Soċjetà Filarmonica 'Stella Maris' (Sliema), Każin Banda 'San Nikola' (Siġġiewi), The Our Lady Queen of Peace Parish Band (Graystanes, Syndey, Awstralja).



(1918-2006), l-awtur tal-Innu Band Lily

Mhux magħruf jekk l-'Innu lill-Madonna tal-Ġilju', fil-verżjoni l-qasira, li oriġinarjament kien jismu l-'Innu Banda Lily', indaqqx għall-ewwel darba waqt il-programm inawgurali tal-banda Mqabbija nhar id-9 ta' Diċembru 1945 li kien sar f'misraħ ir-raħal. Għad li aktarx fil-bidu tgħallem il-mużika taħt missieru Antonio stess u ħareġ idoqq bil-klarinett (jew kwartin) mal-banda Slimiża t'età żgħira, Joseph kellu jitlaq l-istudji mużikali tiegħu minħabba l-gwerra. Bejn l-1935, meta daħal jaħdem fis-servizz militari, u l-1939, meta mbagħad faqqgħet il-gwerra, Joseph kien isib ħin jistudja t-teorija u jkompli jipprattika l-istrument tiegħu. Iżda ma nafux jekk dan kienx jagħmlu waħdu jew taħt il-gwida ta' xi surmast. Kien biss fl-1947 li ġab l-ewwel diploma fit-teorija fejn tidħol armonija u kuntrapunt mill-kulleġġ tal-mużika ta' Londra. Joseph kiseb dal-unur wara li kien ħa kors intensiv, aktarx ta' sentejn, taħt tal-anqas tliet surmastrijiet rinomati Maltin: Vincenzo Costa (?-?), Carmelo Pace (1906-1993) u Joseph Stivala (1897-1950). Jista' jkun għalhekk, li dal-Innu ma nkitibx qabel id-data msemmija (1947) għax Darmanin ma kienx għadu laħaq il-livell meħtieġ biex jikkomponi biċċa mużika, anki sempliċi innu bħalm'hu dan.

Żgur li ż-żewġ innijiet f'ġieħ il-Madonna tal-Ġilju, fil-verżjoni l-qasira u dik twila, indaqqew għall-ewwel darba flimkien fl-istess programm kien lejlet il-festa tal-20 ta' Mejju 1950. Fil-programm imsemmi, l-Innu l-Kbir indaqq l-ewwel wieħed, filwaqt li l-Innu l-qasir, li sa dak iż-żmien kien għadu mgħammed bl-isem ta' 'Innu Banda Lily', indaqq lejn l-aħħar, eżatt qabel il-'God Save'. L-Innu l-Kbir, jonkella l-Innu fil-verżjoni t-twila, inħadem fuq l-'Innu Banda Lily', jew kif inhu issa magħruf, l-Innu l-qasir.

**Strumentazzjoni**: Fiż-żewġ artikli estensivi li jiena kont ktibt dwar l-Innu l-Kbir kont għedt li l-partitura hi mqassma f'ħames gruppi kif jidher fit-tabella t'hawn taħt. Iżda f'dik tal-Innu l-qasir insibu biss dawk l-istrumenti li huma mmarkati bil-kulur. Anki fil-każ tal-vuċijiet, f'dil-aħħar partitura nsibu mniżżel biss 'chorus', jew kor, mhux bilfors puerili, u aktarx dejjem fl-unisonu. Naturalment, meta ġie biex jikkomponi l-Innu l-qasir ma kienx għad hemm il-ħsieb li jdaħħal

passaġġi soli għall-vuċijiet maskili. Mill-banda l-oħra, fl-Innu l-qasir insibu mniżżel il-flawt li ma kienx fil-lista tal-Innu l-Kbir:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Quartino in Mi*b* $1^{mo.}$ | 3 | Corno in Mi*b* $1^{mo.}$ | 4 | Baritono $1^{mo.}$ |
| | Quartino in Mi*b* $2^{do.}$ | | Corno in Mi*b* $2^{do.}$ | | Baritono $2^{do.}$ |
| | Clarino Sop. Soli $1^{mo.}$ | | Corno in Mi*b* $3^{zo.}$ | | Euphonium $1^{mo.}$ |
| | Clarino Sop. $2^{do.}$ | | Cornetta $I^{ma.}$ | | Euphonium $2^{do.}$ |
| | Clarino Sop. $3^{zo.}$ | | Cornetta $2^{da.}$ | | Basso in Mi*b* |
| | Saxophone Alto in Mib | | Flicorno $1^{mo}$ | | Basso in Si*b* |
| | Saxophone Tenore in Si*b* | | Flicorno $2^{do.}$ | 5 | Tamburro |
| 2 | Ragazzi | | Trombone Tenore $1^{mo.}$ | | Triangolo |
| | Tenori | | Trombone Tenore $2^{do.}$ | | Campane |
| | Bassi | | Trombone Tenore $3^{zo.}$ | | Cassa e Piatti |

Il-partitura fiha 26 paġna bi 12-il pentagramma l-waħda, bl-istrumenti mqassmin kif ġej: 1) Quartino in Mi*b*; 2) Clarino $I^{mo}$; 3) Clarino $2^{do}/3^{zo}$; 4) Saxaphone (sic) Alto; 5) Corni in Mi*b* $1^{o}/2^{o}/3^{o}$; 6) Cornette $1^{a}/2^{a}$; 7) Chorus; 8) Tromboni Tenori $1^{o}/2^{o}/3^{o}$; 9) Euphonium $1^{o}/2^{o}$; 10) Basso Mi*b*/Si*b*; 11) Tamburro (fil-kjavi tal-vjolin); 12) Gran Cassa e Piatti. Min-nomenklatura t'hawn fuq wieħed jinnota li l-bidu tal-banda Mqabbija kien wieħed pjuttost modest. Dan għall-fatt li, Darmanin kien ilu biss anqas minn sena li laħaq surmast ta' dil-banda ġdida; iżda minkejja dan, irnexxielu jrawwem għadd sabiħ ta' bandisti ġodda, li kienu ġa mibdijin mis-surmast ta' qablu, Mro Joseph M. Bilocca (1914-1996). Jista' jkun wkoll, li għall-ewwel programm tagħha, Darmanin kien ġab xi bandisti minn dik ta' 'Stella Maris' fejn hu kien għadu kif laħaq ukoll surmast wara missieru f'Settembru tal-istess sena.



bl-innijiet ta' Dun Frans fosthom dak tal-Madonna tal-Ġilju

**Struttura**: Jekk wieħed iqabbel iż-żewġ partituri jsib li l-Innu l-qasir mhux għajr l-ewwel moviment, immarkat *Allegro Moderato*, tal-Innu l-Kbir. Fl-Innu l-qasir m'hemmx it-temp imniżżel fil-bidu; wisq probabbli ma kienx hemm għalfejn lanqas għax kien hu stess li dderiġieh. Għal xi raġuni wkoll, fl-Innu l-qasir Darmanin għażel li jimmużika l-ewwel, it-tieni u l-ħames strofa biss; it-tlieta li huma segwiti mil-istess ritornell, li min-naħa tiegħu jagħmel użu mill-istess mużika tal-istrofi. Diffiċli tgħid il-għala ddeċieda li jħalli barra it-tielet u r-raba' strofa meta f'idejh kellu innu tant mirqum mill-pinna ta' poeta rinomat bħalm'hu Dun Frans Camilleri (1919-1990). Jista' jkun li l-mod kif iddeċieda li jibni dal-Innu, ma kienx jippermettilu li jdaħħalhom kollha. Infatti, bħala binja ma tistax tgħid taħt liema forma eżatt jaqa', anki jekk fil-ħames strofa jtina x'nifhmu li mar għat-triju (Si*b* Maġġuri) u allura għandna speċi ta' innu-marċ. Iżda mill-banda l-oħra, aktar għandu minn xi għanja klassika stil Schubert, fejn kull strofa u ritornell jieħdu melodija differenti; dik li aħna nsejħulha *composed through*. Din tkun differenti mill-oħra magħduda bħala strofika fejn kull strofa u ritornell jintlibsu bl-istess melodija. U allura niġu għal dak li kont għedt fl-artiklu tiegħi li jittratta l-Innu l-Kbir, li fejn jidħol kant, il-kor għandu tliet melodiji differenti għall-istess ritornell. Intant, hawn taħt qed nerġa' nġib it-tabella, immodifikata, ta' kif inhu mqassam dal-Innu l-qasir tant għal qalb l-Imqabbin Ġiljani:

| **Innu lill-Madonna tal-Ġilju (Innu Banda Lily)** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Taqsima | Tonalità | Batutti | | | Strofa+Rit. |
| | | | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Fa Maġġuri | 01-08 + 09-$18^1$ | Introduzzjoni | Strumentali | |
| A | | $18^2$-$34^1$ [$35^1$] | Tema 1 | Kor | 1 |
| | | $35^2$-$43^1$ | Episodju 1 | Strumentali | |
| B | Do Maġġuri | $43^2$-$59^1$[$60^1$] | Tema 2 | Kor | 2 |
| | Fa Maġġuri | $60^2$-$76^1$ | Episodju 2 | Strumentali | |
| Trio | Si*b* Maġġuri | 77-$80^1$ + $80^2$-94-$96^1$ [97-$100^1$] | Tema 3 | Kor | 5 |
| | | $100^2$-$109^1$ + $109^2$-$125^1$ | Episodju 3 | Strumentali | |

Introduzzjoni: Kif rajna fl-artiklu l-ieħor, l-introduzzjoni tinqasam f'biċċtejn, bl-ewwel tmien battuti jkunu fi stil fanfaresk, u bit-tieni nofs jkompli jservi ta' daħla mhux tematika bi tħejjija għall-ewwel taqsima li fiha jidħol ikanta l-kor.

Taqsima A: Din tinkludi l-ewwel replika, bl-ewwel strofa u r-ritornell jitgħannew fuq l-istess melodija, u l-ewwel episodju li fih iddoqq il-banda weħidha. Il-melodija tal-ewwel tema nerġgħu niltaqgħu magħha fit-tieni episodju strumentali. Tajjeb infakkru li kull darba li jidħol ikanta l-kor, il-banda takkumpanjah bil-mod kemm tista' permezz tal-*pianissimo*. Iżda meta niġu għat-tliet episodji, il-banda tgħolli leħinha billi ddoqq bil-qawwi (*forte*). F'episodju 1 insibu wkoll li l-melodija ewlenija hi akkumpanjata minn waħda kontriha fuq ir-ram.




Taqsima B: Din timmodula lejn id-dominanti (V). Fiha titgħanna t-tieni tema, segwita mit-tieni episodju, li min-naħa tiegħu jerġa' lura lejn it-tonalità oriġinali. Fil-passaġġ korali nsibu waqtiet fejn il-kor hu diviż, imsieħeb dejjem mill-banda kemm kemm tinstema'. It-tieni episodju hu itwal id-doppju mill-ewwel wieħed għax fih 16-il battuta, u li fih terġa' titfaċċa l-fanfara fuq il-korni u l-kurunetti.

Trio: Dan ukoll għandu l-introduzzjoni tiegħu, li permezz tagħha tiġi stabbilita t-tonalità l-ġdida (Si*b*) Maġġuri bħalma nsibu fil-biċċa l-kbira tal-marċi brijużi, militari u oħrajn. It-tema għal dil-istrofa u ritornell hi jerġa' differenti mit-tnejn l-oħra li fihom s'issa kanta l-kor, bil-banda takkumpanjah dejjem *pianissimo*. Bħal fil-każ taż-żewġ repliki l-oħrajn ukoll, waqt il-kant tal-kor ir-ram jinseġ kontromelodija ħafifa, biex b'hekk il-mużika tinħiet bi ftit polifonija.

It-tielet u l-aħħar episodju fih żewġ partijiet, b'tal-ewwel immarkata *Poco Mosso*, aktarx iservi ta' passaġġ tan-nofs, fejn il-kompożitur ikun irid li t-temp iżid ftit f'ġirjietu. It-tieni parti, b'temp, għal kuntrarju, immarkat *Poco Lento*, nisimgħu fiha t-tielet tema li biha beda t-trio. Din tindaqq mill-banda weħidha. Din nistgħu ngħidu li tifforma t-tieni parti tat-trio kif normalment insibu f'kwalunkwe marċ, bil-melodija tindaqq ottava fuq.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Mqabbin Ġiljani fl-okkażjoni fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju li qed tiġi solennement iċċelebrata ġewwa raħalha u tat-72 sena mill-inawgurazzjoni tal-Innu l-kbir f'ġieħha.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)